MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 24/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Mercieca]**

**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Khaled Mahmoud Abdulkasem**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Khaled Mahmoud Abdulkasem detentur ta' passaport Libjan nru. 545602 (mahrug fi Tripoli nhar it-2 ta' Frar, 2011)

Akkuzat talli:

1. Nhar l-4 ta' Jannar, 2014, ghall-habta tal-10.15 ta' filghaxija, f'Bieb il-Belt, Valletta/Floriana kkommetta serq ta' kartiera, kontenenti flus kontanti, cekkijiet u dokumenti, liema serq huwa kkawalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Skander Sahraoi u/jew ta' xi persuna/i ohra;
2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Skander Sahraoi kontra l-volonta' tieghu; liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;
3. Filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-propjeta (minbarra hsara nvolontarja fil-propjeta) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
4. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.
5. Iktar talli fl-4 ta' jannar, 2014, ghall-habta tal-10.15 ta' filghaxija, u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D.), datat 2 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizjia tal-Mosta, bejn is-6pm u s-7pm, li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn joqhod, bejn is-7.30 ta' filghaxija u t-8 ta' filghodu w li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;
6. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kundizzjonijiet impost fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Gabriella Vella LL.D.), datat 21 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Sibt, bejn it-8am u

s-7pm, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn joqghod, bejn it-8 ta' filghaxija u s-7 ta' filghodu w li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati addebitati (nru 5 u 6), tirrevoka 'contario imperio' d-digrieti tal-helsien mill-arrest datati 2 t'Ottubru, 2013 u 21 ta' Mejju, 2012 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Khaled Mahmoud Abdulkasem.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex is-somma ta' hames mitt Euro (€500) f'depozitu w hames t'elef Euro (€5000), bhala garanzija personali, li kienu impost fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favor il-Gvern ta' Malta, kif stipulate fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib ssib lill-imputat Khaled Mahmoud Abdulkasem hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u ghal akkuzi 1, 2, 3 u 4 qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li a rigward akkuzi 5 u 6 qed tikkundannah ghal erba' (4) xhur prigunerija ghal kull akkuza li komplessivament jammontaw ghal tmien (8) xhur.

Il-Qorti tordna wkoll ir-revoka tat-tieni (2) digriet tal-helsien mill-arrest datati 2 ta’ Ottubru 2013 mill-Magistrat A. Micallef Trigona u tal-21 ta’ Mejju 2012 mill-Magistrat Dr Gabriella Vella. Il-Qorti inoltre ma hijiex ser tordna li jkun hemm mil-konfiska tal-ebda garanzija personali kontenuti f’dawn id-digrieti.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------